

31987R3954

L 371/11

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

30.12.1987

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (EURATOM) Nru 3954/87****tat-22 ta' Diċembru, 1987,****li jistabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara aċċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni, magħmula fuq il-parir ta' grupp ta' esperti maħtura mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi skond l-Artikolu 2(b) tat-Trattat il-Kunsill għandu jistabbilixxi *standards* uniformi ta' sigurtà biex iħarsu s-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali, u biex jassigura li dawn ikunu applikati, kif hemm stabbilit ukoll fit-Titolu Tnejn, Kapitolu III tat-Trattat;

Billi, fit-2 ta' Frar, 1959, il-Kunsill adotta Direttivi <sup>(4)</sup>, li jistabbilixxu *standards* bażiċi ta' sigurtà, li t-test tagħhom kien sostitwit b'dak tad-Direttiva 80/836/Euratom <sup>(5)</sup>, kif emendata bid-Direttiva 84/467/Euratom <sup>(6)</sup>, u billi skond l-Artikolu 45 ta' dik id-Direttiva Stati Membri għandhom jistabbilixxu livelli ta' intervent meta jinqala' aċċident;

Billi, wara l-aċċident ta' l-istazzjon ta' l-enerġija nukleari ta' Chernobyl fis-26 ta' April, 1986, kwantità konsiderevoli ta' materjali radjoattivi ħarġet fl-atmosfera, li kkontaminat ikel u għalf f'haġna pajjiżi Ewropej f'livelli sinifikanti fil-qasam tas-saħħa;

Billi, il-Komunità adottat miżuri <sup>(7)</sup> biex tassigura li ċerti prodotti agrikoli jidħlu biss fil-Komunità skond arranġamenti komuni li iħarsu s-saħħa tan-nies waqt li jżommu l-għaqda tas-suq u jevitaw tagħwiġ tal-kummerċ;

Billi jeħtieġ li titwaqqaf sistema li tippermetti lill-Komunità, wara aċċident nuklearu jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika li jista' jwassal jew li jkun wassal għal kontaminazzjoni radjoattiva sinifikanti ta' ikel u għalf, li tistabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva għall-ħarsien tan-nies;

<sup>(1)</sup> ĠU C 174, tat-2.7.1987, pġ. 6.

<sup>(2)</sup> Opinjoni mogħtija fis-16 ta' Diċembru, 1987 (għadha mhix publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(3)</sup> ĠU C 180, tat-8.7.1987, pġ. 20.

<sup>(4)</sup> ĠU C 11, ta' l-20.2.1959, pġ. 221/59.

<sup>(5)</sup> ĠU L 246, tas-17.9.1980, pġ. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 265, tal-5.10.1984, pġ. 4.

<sup>(7)</sup> Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1707/86 (ĠU L 146, tal-31.5.1986, pġ. 88); (KEE) Nru 3020/86, (ĠU L 280, ta' l-1.10.1986, pġ. 79); (KEE) Nru 624/87, (ĠU L 58, tat-28.2.1987, pġ. 101); (KEE) Nru 3955/87, (Ara paġna 14 tal-Ġurnal Uffiċjali).

Billi l-Kummissjoni tkun mgħarrfa b'aċċident nukleari jew b'livelli għolja mhux tas-soltu ta' radjoattività permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru, 1987, dwar arranġamenti tal-Komunità għal bdil malajr ta' informazzjoni f'każ ta' emerġenza radjoloġika <sup>(8)</sup>, jew permezz tal-Konvenzjoni dwar Notifika Malajr ta' Aċċident Nukleari tas-26 ta' Settembru, 1986;

Billi l-Kummissjoni għandha tadotta minnufih, jekk ikun meħtieġ skond iċ-ċirkostanzi, regolament li jagħmel applikabbli livelli massimi permissibli stabbiliti minn qabel;

Billi, skond informazzjoni disponibbli fil-qasam tal-protezzjoni mir-radjazzjoni, livelli derivati ta' referenza kienu ġew stabbiliti u dawn jistgħu jintużaw b'ħaġa bażi biex ikunu stabbiliti livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva li għandhom ikunu applikati minnufih wara aċċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika li jista' jwassal jew li jkun wassal għal kontaminazzjoni radjoattiva sinifikanti ta' ikel u għalf;

Billi dawn il-livelli massimi permissibli iqisu kif imiss il-pariri xjentifiċi l-iktar riċenti li jkun hemm fil-mument fuq livell internazzjonali, waqt li jirriflettu l-ħtieġa li jserrħu moħħ il-pubbliku u jevitaw li jkun hemm diverġenzi fil-prattika regolatorja internazzjonali;

Billi, iżda, huwa meħtieġ li jitqiesu kif imiss il-kondizzjonijiet partikolari li japplikaw u, għalhekk, li tkun stabbilita proċedura li tippermetti li jkun hemm addattament malajr ta' dawn il-livelli stabbiliti minn qabel għal livelli massimi permissibli li jkun xierqa fiċ-ċirkostanzi ta' aċċident nukleari partikolari jew ta' kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika li jista' jwassal jew li jkun wassal għal kontaminazzjoni radjoattiva sinifikanti ta' ikel jew għalf;

Billi l-adozzjoni ta' Regolament li jagħmel applikabbli livelli massimi permissibli jżomm ukoll l-għaqda tas-Suq Komuni u tevita tagħwiġ tal-kummerċ fil-Komunità;

Billi, sabiex jeħfief l-addattament ta' livelli massimi permissibli, għandu jkun hemm proċeduri li bihom tkun tista' ssir konsultazzjoni ma' esperti, inkluż il-Grupp ta' Esperti msemmi fl-Artikolu 31 tat-Trattat;

<sup>(8)</sup> Ara paġna 76 tal-Ġurnal Uffiċjali.

Billi l-ħarsien ta' livelli massimi permissibbli għandu jkun verifikat kif jixraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jistabblixi l-proċedura biex jitqiesu l-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf li jistgħu jitqiegħdu fis-suq wara aċċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika li jista' jwassal jew li jkun wassal għal kontaminazzjoni radjoattiva sinifikanti ta' ikel u għalf.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "oġġetti ta' ikel" tfisser prodotti li jistgħu jittiekl mill-bniedem minnufih jew wara pproċessar, u "għalf" tfisser prodotti li jistgħu jittiekl biss mill-annimali.

#### Artikolu 2

1. Fil-każ li l-Kummissjoni tirċievi - partikolarment skond l-arranġamenti tal-Komunità għal bdil malajr ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika jew skond il-Konvenzjoni IAEA tas-26 ta' Settembru, 1986, dwar notifika malajr ta' aċċident nukleari - informazzjoni uffiċjali dwar aċċidenti jew kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika, li turi li l-livelli massimi permissibbli fl-Anness jistgħu jintlaħqu jew li jkunu ntlaħqu, hija għandha tadotta minnufih, jekk ikun meħtieġ fiċ-ċirkostanzi, Regolament li jagħmlu applikabbli dawk il-livelli maxximi permissibbli.

2. It-terminu ta' validità ta' kull regolament skond it-tifsira tal-paragrafu 1 għandhu jkun qasir kemm jista' jkun u m'għandux jaqbeż it-tliet xhur, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(4).

#### Artikolu 3

1. Wara konsultazzjoni ma' esperti, li għandha tinkludi l-Grupp ta' Esperti ta' l-Artikolu 31, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill proposta għal Regolament biex jadatta jew jikkonferma d-disposizzjonijiet tar-Regolament imsemmi fl-Artikolu 2(1) fi żmien xahar mill-adozzjoni tiegħu.

2. Il-Kummissjoni għandha, meta tibgħat il-proposta għar-Regolament imsemmi fil-Paragrafu 1, tqis l-i *standards* bażiċi stabbiliti skond l-Artikoli 30 u 31 tat-Trattat, inkluż il-prinċipju li l-esposizzjonijiet kollha għandhom jinżammu raġonevolment baxxi kemm jista' jkun, billi tqis l-aspett tal-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali u fatturi ekonomiċi u soċjali.

3. Il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni b'maġġoranza kwalifikata dwar il-proposta għal Regolament imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 fit-terminu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 2(2).

4. Fil-każ li l-Kunsill ma jiddeċidix f'dak it-terminu ta' żmien, il-livelli stabbiliti fl-Anness għandhom jibqgħu japplikaw sakemm

il-Kunsill jiddeċiedi jew sakemm il-Kummissjoni tirtira l-proposta tagħha għax il-kondizzjonijiet kif stabbiliti fl-Artikolu 2(1) ma jkunux aktar japplikaw.

#### Artikolu 4

Il-terminu ta' validità ta' kull Regolament skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3 għandu jkun limitat. Dan it-terminu għandu jkun rivedut fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3.

#### Artikolu 5

1. Sabiex ikun assigurat li l-livelli massimi permissibbli stabbiliti fl-Anness iqisu kull informazzjoni xjentifika ġdida li tkun disponibbli, il-Kummissjoni għandha minn żmien għall-ieħor, tiegħu l-opinjoni ta' esperti, magħdud il-Grupp ta' Esperti skond l-Artikolu 31.

2. Fuq talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, il-livelli massimi permissibbli stabbiliti fl-Anness jistgħu jkunu riveduti jew miżjuda meta tintbagħat proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill skond il-proċedura ta' l-Artikolu 31 tat-Trattat.

#### Artikolu 6

1. Ikel u għalf li ma jkunux skond il-livelli massimi permissibbli stabbiliti f'Regolament adottat skond l-Artikoli 2 jew 3 m'għandhomx jitqiegħdu fis-suq. Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ikel jew għalf importati minn pajjiżi terzi għandhom jitqiesu li tqiegħdu fis-suq jekk, fit-territorju tad-dwana tal-Komunità, dawn jgħaddu minn proċedura tad-dwana li ma tkunx proċedura ta' passaġġ.

2. Kull Stat Membru għandu jagħti lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment każi fejn ma jitħarsux il-livelli massimi permissibbli. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dik l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

#### Artikolu 7

Regoli biex ikun applikat dan ir-Regolament, u lista ta' ikel sekondarju, flimkien mal-livelli massimi li japplikaw għalihom, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 <sup>(1)</sup>, li għandu japplika b'analoġija. Għal dan il-fini għandu jitwaqqaf kumitat *ad hoc*.

#### Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

(<sup>1</sup>) ĠU L 148, tat-28.6.1968, pġ. 13.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 22 ta' Diċembru, 1987.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

N. WILHJELM

---

## ANNEX

## LIVELLI MASSIMI PERMISSIBBLI GĦAL IKEL U GĦALF

	Ikel tat-trabi <sup>(1)</sup>	Prodotti tal-ħalib <sup>(2)</sup> <sup>(3)</sup>	Ikel ieħor minbarra ikel sekondarju <sup>(4)</sup>	Ikel likwidu <sup>(5)</sup>	Għalf <sup>(6)</sup>
Isotopi ta' l-istronzju partikolarment Sr-90		125	750		
Isotopi tal-jodju partikolarment I-131		500	2 000		
Isotopi tal-plutonju u element tal-plutonju b'radjazzjoni alfa, partikolarment Pu-239, Am 241		20	80		
Nuklidi oħra kollha li żmienhom bin-nofs jaqbeż 10 jiem, partikolarment Cs-134, Cs-137 <sup>(7)</sup>		1 000	1 250		

<sup>(1)</sup> Ikel tat-trabi jfisser dak l-ikel maħsub biex jingħata lit-trabi matul l-ewwel erba' sa sitt xhur tal-ħajja, li jkollu s-sustanzi kollha meħtieġa għal din il-kategorija ta' persuni u li jinbiegħ bl-immnut f'pakketti li jistgħu jintgħarfu sewwa u bit-tikketta li turi "ikel tat-trabi."

<sup>(2)</sup> Prodotti tal-ħalib tfisser ħalib li jidher taħt Nri 04.01 u 04.02 tat-Tariffa Komuni Doganali, u b'ismijiet korrispondenti fin-nomenklatura magħquda mill-1 ta' Jannar, 1988.

<sup>(3)</sup> Il-livell applikabbli għal prodotti konċentrati jew immixxa għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi tal-prodott rikostitwit u lest għal konsum.

<sup>(4)</sup> Ikel sekondarju u l-livelli korrispondenti applikabbli għalih għandhom ikunu skond it-tifsira ta' l-Artikolu 7.

<sup>(5)</sup> Ikel likwidu kif imfisser fil-Kapitolu 20 u 22 tat-Tariffa Komuni Doganali u fil-Kapitolu korrispondenti tan-nomenklatura magħquda mill-1 ta' Jannar, 1988. Il-valuri huma kkalkulati billi jitqies il-konsum ta' l-ilma tal-vit u l-istess valuri għandhom ikunu applikati għal provvisti ta' ilma tax-xorb fid-diskrezzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri. Valuri għal ikel likwidu għandhom ikunu stabbiliti.

<sup>(6)</sup> Valuri li għandhom ikunu stabbiliti.

<sup>(7)</sup> Karbonju 14 u tritju m'humiex inklużi f'dan il-grupp.